MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 831/2009

Eyetech Limited (C30088).

Vs

Quill Office Supplies Limited (C16289).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' seba mija, seba u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€777.98) minghand is-socjeta' konvenuta, rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' servizzi u/jew prodotti ordnati mis-socjeta' konvenuta li baqa ma thallasx minkejja li s-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi. Bl-imghaxijiet dekorribbli mid-dati tal-fatturi relattivi sad-data tal-effettiv pagament bl-oghla rati permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontra s-socjeta' konvenuta inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju pprezentat kontestwalment ma dan l-att, kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta’ konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba, u jikkundanna s-socjeta’ konvenuta thallas is-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba mija, seba u sebghin ewro u tmienja u disghin centezmu (€777.98), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta’ konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------